MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 534/2007

Korporazzjoni Telemalta
vs
Carmen Muscat

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta` rikorrenti li bih eccepiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Avv. Nru. 193/96GCD) giet deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 1996, fl-istess kawza l-intimata kienet giet kundannata thallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' sitt mija u tliet u erbghin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm643.50), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 342014.

Illi s-socjeta` Maltacom p.l.c. llum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess

socjeta` rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-intimata ghadha ma hallset xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm124.11) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dokument "A" kif ukoll hames mija, sitta u tletin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm536.25), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-3 ta' Ottubru 1996 sat-3 ta' Marzu 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti huwa ta' elf, tliet mija u tliet Liri Maltin u sitta u tmenin centezmi (Lm1,303.86) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti ghandha interess li tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat id-dokument prezentat mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehdet Dr. Ingrid Zammit Young u qalet li mid-data tal-prezentata tar-rikors, ma sar ebda hlas u ikkonfermat l-ammont mitlub.

Rat li l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghas-seduta tal-lum, u ma deher hadd ghaliha.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja ta' l-intimata, it-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha fis-sens li qed tawtorizza lill-istess socjeta` rikorrenti biex tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fuq imsemmija.

Spejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------